

32003R2212

19.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 332/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2212/2003**tas-17 ta' Diċembru 2003**

li jemenda r-regolament (KE) Nru 964/2003 li timponi dazji kontra l-iddampjar fuq importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew ta' l-azzar, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u fit-Tajlandja, u daww ikkunsinnati mit-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mit-Tajwan jew le

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 452/2003 tas-6 ta' Marzu 2003 dwar miżuri li l-Komunità tista' tieħu in-relazzjoni ma' l-effett ikkombinat ta' miżuri kontra l-iddampjar jew kontra s-sussidji b'miżuri ta' protezzjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni, wara konsultazzjonijiet mal-Kumitat Konsultattiv stabbilit b'Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet iddampjati minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽²⁾ (ir-“Regolament bażiku”),

Billi:

- (1) Bir-Regolament (KE) Nru 778/2003 ⁽³⁾, il-Kunsill emenda, fost oħrajn, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 584/96 u (KE) Nru 763/2000 rigward il-miżuri kontra l-iddampjar applikabbli għal ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew ta' l-azzar, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajlandja, u daww ikkunsinnati mit-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw fit-Tajwan jew le. L-għan kien li jsir provvediment għas-sitwazzjoni fejn daww l-importazzjonijiet isiru wkoll suġġetti għall-pagament ta' dazju ta' protezzjoni, kif adottat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1694/2002 tas-27 ta' Settembru 2002 li jimponi miżuri definittivi ta' protezzjoni kontra ċerti prodotti ta' l-azzar ⁽⁴⁾.
- (2) F'ċirkostanzi tali, u fejn id-dazju kontra l-iddampjar ikun inqas, jew ugwali għal, l-ammont tad-dazju ta' protezzjoni, kien ikkunsidrat xieraq li ebda dazju kontra l-iddampjar m'għandu jkun pagabbli. Fejn id-dazju kontra l-iddampjar ikun akbar mill-ammont tad-dazju ta' protezzjoni, kien ikkunsidrat xieraq li dik il-parti biss tad-dazju kontra l-iddampjar li tkun ogħla mill-ammont tal-protezzjoni għandha tkun pagabbli.
- (3) Skond Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, l-miżuri imposti bir-Regolament (KE) Nru 584/96 u (KE) Nru 763/2000 kienu mtawlin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 ⁽⁵⁾. Madankollu, ebda provvediment simili għal dak deskritt fl-esponiment 2 ta' hawn fuq ma ġie prodott bir-Regolament (KE) Nru 964/2003 għas-sitwazzjoni fejn importazzjonijiet isiru wkoll suġġetti għall-pagament ta' dazju ta' protezzjoni.
- (4) Konsegwentement, ir-Regolament (KE) Nru 964/2003 għandu jkun emendat biex jagħmel provvediment għas-sitwazzjoni fejn importazzjonijiet isiru wkoll suġġetti għall-pagament ta' dazju ta' protezzjoni, fl-istess manjiera bħall-emendi introdotti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 584/96 u (KE) Nru 763/2000 bir-Regolament (KE) Nru 778/2003.
- (5) Dan ir-Regolament għandu japplika b'mod retroattiv mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 964/2003,

⁽¹⁾ ĠU L 69, 13.03.03, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 56, tas-6.3.1996, p. 1; Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nruo 1972/2002 (ĠU L 305, tas-7.11.2002, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 114, 08.05.03, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 261, 28.09.02, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 139, 06.06.03, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 964/2003 huwa b'dan emendat kif ġej:

(a) f'Artikolu 1, il-paragrafu li ġej għandu jkun inserit:

"2a Minkejja l-paragrafu 2, fejn importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mit-Tajlandja jkunu suġġetti għal pagament ta' dazju addizzjonali ta' protezzjoni skond Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1694/2002 (*), ir-rata tad-dazju kontra l-iddampjar applikabbli għall-prezz frank fil-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, għandu jkun kif ġej:

Pajjiż	Kumpannija	Rata ta' dazju AD (%) applikabbli meta d-dazju addizzjonali ta' protezzjoni jkun pagabbli					Kodiċi addizzjonali TARIC
		Sat-28.3.2003	29.03.03 sa 28.09.03	29.09.03 sa 28.03.04	29.03.04 sa 28.09.04	29.09.04 sa 28.03.05	
It-Tajlandja	Kollha (Minbarra: Thai Benkan Co. Ltd, Prapadaeng Samutprakarn)	35,2 %	37,6 %	37,6 %	39,7 %	39,7 %	8851

(*) ĠU L 261, 28.9.2002, p.18"

(b) f'Artikolu 3, l-ewwel paragrafu għandu jkun innumerat "1" u l-paragrafu ta' wara għandu jkun inserit:

"2. Minkejja l-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-*fittings* prodotti mill-imsemmija Chup Hsin Enterprise Co. Ltd, Rigid Industries Co. Ltd u Niang Hong Pipe Fittings Co. Ltd, fejn importazzjonijiet ta' *fittings* ikkunsinnati minn Tajwan huma suġġetti għal pagament ta' dazju addizzjonali ta' protezzjoni skond Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 1694/2002, ir-rata tad-dazju kontra l-iddampjar applikabbli għall-prezz frank fil-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, għandha tkun kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Rata ta' dazju AD (%) applikabbli meta dazju addizzjonali ta' protezzjoni jkun pagabbli					Kodiċi addizzjoni TARIC
		Sat-28.3.2003	29.03.03 sa 28.09.03	29.09.03 sa 28.03.04	29.03.04 sa 28.09.04	29.09.04 sa 28.03.05	
It-Tajwan	Kollha (minbarra Chup Hsin Enterprise Co. Ltd, Rigid Industries Co. Ltd u Niang Hong Pipe Fittings Co. Ltd)	34,9 %	37,3 %	37,3 %	39,4 %	39,4 %	A999"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Huwa għandu japplika b'effett mis-7 ta' Ġunju 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

G. ALEMANN